# Il-Ħadd 18.11.2018

1. Illum 18/11:-
   - Fl-10:30am - Il-quddiesa tkun bis-sagrament tal-Magħmudija.
   - Fit-3:30pm - Rużarju madwar il-Kosta ta' Malta. Min jixtieq jieħu sehem f'din l-inizzjattiva ta' talb għandu jmur *Blue Grotto viewpoint* u miegħu jieħu radju jew *smart phone* biex jidħol fuq Radju Marija (102.3FM) biex jingħaqad mal-Arċisqof Emeritu Mons. Pawl Cremona o.p. fit-talba tar-Rużarju għall-bżonnijiet tal-Familji, tal-Knisja, u ta' Pajjiżna.

2. It-Tlieta 20/11:
   - Fis-7:15pm jiltaqa' il-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

3. Il-Ħamis 22/11:-
   - Filgħodu ser ikollna Ħarġa: Immorru d-Dar tal-Providenza, fejn ikollna Quddiesa, u wara Żjara lill-Annimali u *Coffee Morning* fl-Arka ta' Noe, s-Siġġiewi stess. Tluq fid-8:45am u nkunu lura għas-1:45pm. Biljetti u dettalji mingħand il-helpers.
   - Mis-6:30pm sad-9:00pm - Fil-Katekumenju, il-Mosta, tiftaħ l-Assemblea Djoċesana li fiha ser issir evalwazzjoni tad-dokumenti tas-Sinodu li sar bejn l-1999 u l-2003.

4. Il-Ġimgħa 23/11:-
   - Fis-6:30pm sad-9:00pm - Tkompli l-Assemblea Djoċesana.

5. Il-Ħadd 25/11, **Solennità ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu**:-
   - Fid-9:00am - Il-Quddiesa mill-Parroċċa tagħna ser tixxandar fuq TVM2.
     Nieħdu ħsieb inwasslu l-aħbar lill-morda u lil dawk kollha
     li ma jistgħux jingħaqdu magħna għall-quddiesa tal-Ħadd.
   - Fil-5:00pm - Korteo immexxi mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna
     minn fejn il-monument ta' Kristu Re, il-Furjana,
     li jimxi lejn il-Konkatidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta,
     fejn tingħad it-Talba tal-Għasar.

6. Avviżi oħra:-
   - Infakkar li l-Parroċċa tagħna ser tippubblika d-Djarju-Direttorju b'informazzjoni u bl-attivitajiet parrokkjali għas-sena 2019. Dawk li huma interessati jirreklamaw fih jew jisponsarjaw xi paġna, mitluba jinfurmaw lill-Kappillan mill-aktar fis.
   - Nerġa' infakkar biex jekk hawn xi żgħażagħ li għadhom kif ggradwaw mill-Università, mill-MCAST, mill-ITS, jew minn xi entità edukattiva oħra, mitluba javviċinaw lill-Kappillan minħabba li qed tiġi maħsuba attività għalihom.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 184 mill-lotterija tal-hamper.
   - € 50 bħala donazzjonijiet għall-manutenzjoni taċ-Ċimiterju;
   - € 5 b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr. Grazzi.